MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 1123/2008

**Clive Saviour u Caroline (Carolina-Anna) konjuġi Bonavia f'isimhom proprju u bħala kuraturi *ad litem* ta' wliedhom Nathan u Sara Ann**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Novembru 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi fl-Att tat-Twelid numru 1515 ta' l-2007, liema att jirreferi għat-twelid ta' bint l-istanti, Sara Ann, kopja ta' liema att tinsab hawn annessa u mmarkata "Dok. A", kunjom il-minuri hu ndikat bħala "Bonavia" u ċjoe' il-kunjom ta' l-istanti missier it-tarbija;

2. Illi skond l-Att tat-Twelid numru 1984 ta’ l-2002, liema att jirreferi għat-twelid ta’ iben l-istanti, Nathan, kopja ta’ liema att tinsab hawn annessa u mmarkata “Dok. B”, kunjom il-minuri ma huwiex indikat u konsegwentement il-minuri hu meqjus bħala “Bonavia” u ċjoe’ l-kunjom ta’ l-istanti missier it-tarbija;

3. Illi dawn iż-żewġ ulied ta’ l-istanti huma magħrufa bil-kunjom tal-missier magħqud miegħu kunjom xbubit ommhom, l-istanti Caroline (Caroline-Anna) Bonavia nee’ Zammit, u għalhekk il-kunjom “Bonavia Zammit”;

4. Illi l-esponenti għandhom interess illi l-atti tat-twelid ta’ wliedhom sopra indikati jiġu korretti sabiex jirriflettu l-istat attwali;

Illi r-raġuni tat-talba hi li filwaqt li wlied l-esponenti huma magħrufin bil-kunjom “Bonavia Zammit”, kunjomhom fl-Att tat-Twelid relattiv hu ndikat bħala “Bonavia” u għalhekk hemm lok li l-konvenut jiġi ordnat jagħmel l-opportuni korrezzjonijiet fl-atti relattivi ta’ stat ċivili;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tordna korrezzjoni ta’ l-Att tat-Twelid numru 1515 ta’ l-2007, liema att jirreferi għat-twelid ta’ bint l-istanti, Sara Ann, fis-sens li fil-kolonna intestata “Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”, kunjom il-minuri Bonavia jiġi sostitwit bil-kunjom “Bonavia Zammit”;

2. Tordna korrezzjoni ta’ l-Att tat-Twelid numru 1984 ta’ l-2002, liema att jirreferi għat-twelid ta’ iben l-istanti, Nathan, fis-sens li fil-kolonna intestata “Isem jew Ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”, wara isem it-tarbija jiddaħħal il-kunjom “Bonavia Zammit”;

3. Tordna li jsiru l-opportuni korrezzjonijiet fl-atti ta’ stat ċivili relattivi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fid-9 ta' Frar 2009, li permezz tagħha espona:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent jirrileva illi fir-rigward ta' l-Att tat-Twelid li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1984 tas-sena 2002, il-liġi ma kienetx dak iż-żmien li ġie rreġistrat l-Att in kwisjoni tirrikjedi li kunjom it-tarbija għandu jkun indikat fuq l-Att tat-Twelid u għalhekk ma hemmx lok għal korrezzjoni, pero' il-kunjom "Bonavia Zammit" jista' jintuża mill-minuri *ai termini* ta' l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Illi fir-rigward ta' l-Att tat-Twelid li jġib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1515 tas-sena 2007, jirriżulta li d-dikjarant fuq l-Att imsemmi kien ir-rikorrent stess Clive Saviour li ddikjara li l-kunjom tal-minuri għandu jkun "Bonavia" pero' *stante* li *ai termini* ta' l-Artikolu 4(3) tal-Kap 16 l-ulied li jitwieldu fiż-żwieg jieħdu kunjom missierhom u warajh jistgħu jżidu kunjom xbubit ommhom mingħajr ebda ħtieġa ta' korrezzjoni, l-esponent ma joġġezzjonax li ssir tali korrezzjoni fuq dan l-Att tat-Twelid.

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas ta' l-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż ta' l-istanti *stante* li d-dikjarant kien obbligat li jivverifika li l-informazzjoni li ta u ffirma għaliha hija korretta.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li tagħti dritt ta' azzjoni biex jiġi korrett xi att ta' l-istat ċivili ta' persuna.

Jirriżulta li t-talbiet attriċi huma ġustifikati fir-rigward tat-talba rigwardanti l-att tat-twelid tal-minuri Sara Ann iżda mhux fir-rigward tal-minuri Nathan peress li kif irrimarka l-konvenut fir-risposta tiegħu dak iż-żmien il-kunjom tat-tarbija ma kienx ikun indikat – dan xejn ma jżomm lill-atturi milli jużaw il-kunjom tat-tnejn li huma fir-rigward ta' l-istess minuri a tenur ta' l-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili. Ma hemm ebda żball pero' imputabbli lill-konvenut illi allura ma għandux jeħel spejjeż.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi fir-rigward ta' l-Att tat-Twelid numru 1515 tas-sena 2007 izda tiċhadha fir-rigward tal-Att tat-Twelid 1984 tas-sena 2002; l-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------